MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Numru 869/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Mercieca)**

**vs**

**JOSEPH BORG**
**RENZO BORG**

**Illum 8 ta' Gunju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Borg, 42 sena, iben Joseph u Mary nee` Borg, imwieled B'Kara fis-17.01.1961 u li joqghod Flat 7, Olive Court, Vjal ir-Rihan, San Gwann, detentur ta' karta ta' identita` nru. 69661M

u

Renzo Borg, 26 sena, iben John u Anna nee` Aquilina, imwieled Pieta fl-14.05.1977 u li joqghod Renrick, Triq Dun Karm, Birkirkara, detentur ta’ karta ta’ l-identita` nru. 289077M gew akkuzati:

Talli f’dawn il-Gzejjer bhala proprjetarji u/jew amministraturi tal-fond Strawberry Grove Bar & Restaurant sitwat fi Triq il-Mazzola, Bugibba, bejn it-18 ta’ Settembru, 1998 u t-22 ta’ Mejju, 2001 b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta’ kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ kurrent elettriku, ikkommettew serq ta’ kwantita` ta’ elettriku li jammonta ghal elf tlett mija u sittax-il lira Maltin u 35 centezmu (LM1316.35), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, (b) barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, cioe` meter tad-dawl tal-ghamla ‘Krizik’, nru. tas-serje 6567746, liema hsara tammonta ghal hamsa u ghoxrin (LM25) liri Maltin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Art. 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta’ Marzu, 2004, Dr. Edward Gatt iddikjara li ghan-nom taz-zewg imputati qieghed jezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ bhala xhud lill-Ispettur Geoffrey Azzopardi ghall-konferma tar-Rapport li hu ghamel lill-Magistrat Inkwirenti u li jinsab a fol. 5 tal-

Proces-Verbal Dok. CA1 u ghalhekk qed jaccetta l-kontenut ta’ dan ir-Rapport.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca iddikjara li l-Prosekuzzjoni qieghda tirtira l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat Joseph Borg.

Semghet trattazzjoni mill-Ufficjal Prosekutur u minn Dr. Edward Gatt ghall-imputat Renzo Borg.

Illi fis-Seduta tas-16 ta’ Marzu, 2004, Connie Azzopardi ghan-nom tar-Registratur tal-Qorti esebiet il-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar “meter” tad-dawl allegatament imbaghbas fil-fond “Strawberry Grove Restaurant” sitwat Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar nhar il-15 ta’ Settembru, 2001, u li gie redatt u maghluq fil-25 ta’ Ottubru, 2001. Flimkien ma’ l-istess Proces Verbal ix-xhud esebiet ukoll Nota ta’ l-Avukat Generali u kif ukoll nota tal-Kummissarju tal-Pulizija li gew esebiti u mmarkati bhala Dok. CA1.

Illi fl-istess Seduta Horace J. Anastasi, in kontro-ezami minn Dr. Edward Gatt ghall-imputat Renzo Borg, qal b’risposta ghall-mistoqsija mill-avukat difensur Dr. Edward Gatt stante li fil-konkluzzjoni tieghu hu qal illi Renzo Borg huwa responsabbli mill-arlogg tad-dawl li jinsab fil-fond “Strawberry Grove” fi Triq Mazzola, Bugibba, f’liema sens huwa qieghed jghid li dan huwa responsabbli, qal illi ghaliex fix-xhieda li ta l-istess imputat quddiemu fl-Inkjesta, dan kien qal illi huwa responsabbli tal-“meter” pero` kien qal li hu ma kienx baghbas il-“meter”.

L-istess xhud zied jghid li l-arlogg huwa ta’ l-“Enemalta” pero` li kull “tenant” jew inkella sid ta’ fond huwa responsabbli ghall-“meter”. Kompla jghid li fil-konsiderazzjonijiet tieghu ikkonstata illi bhala fatt dana Renzo Borg dana l-fond “Strawberry Grove” kien ilu immexxi minn Renzo Borg ghall-hames snin precedenti u kif qal l-istess Renzo Borg meta xehed quddiemu illi huwa kien responsabbli ghal dan l-arlogg. L-istess xhud qal

ukoll li bhala fatt Renzo Borg mieghu kien cahad illi hu kien baghbas il-“meter”.

L-istess xhud qal ukoll li dwar il-konkluzjoni finali tieghu, u dana jirreferi ghall-ahhar paragrafu tal-konkluzjonijiet tieghu li jinsab a fol. 17 tal-Proces Verbal esebit bhala Dok. CA1, qal illi fejn hu qal illi l-arlogg tad-dawl indikat irrizulta li jahdem kif suppost, dana ried ifisser li l-arlogg kien qed jahdem tajjeb u ma kienx “slow”. Fuq mistoqsija jekk bhala stat ta’ fatt hu mill-investigazzjonijiet li ghamel irrizultalux illi dana l-i”Strawberry Grove” huwa immexxi minn bhala “family business” huwa qal illi ma jafx, ma jeskludix, pero` hu in kwantu ghall-investigazzjonijiet tieghu li ghamilhom huwa Renzo Borg.

In ri-ezami l-istess xhud qal li lill-imputat Joseph Borg qatt ma kellmu. Qal ukoll illi meta hu mar fuq il-post, u cjoe` fi “Strawberry Grove” fi Triq il-Mazzola, Bugibba, lil Joseph Borg ma sabux hemm.

Illi fl-istess Seduta tas-16 ta’ Marzu, 2004, xehed Mario Cassar li qal li hu “Senior Tradesman” ma’ l-“Enemalta”. Qal ukoll illi fil-15 ta’ Settembru, 2001 ghall-habta tan-nofs siegha (12.30) hu flimkien ma’ Louis Scerri ghamlu spezzjoni gewwa “Strawberry Grove Restaurant”, Triq il-Mazzola, St. Paul’s Bay. Ix-xhud zied jghid li maghhom kien hemm PC 573 Paul Camilleri, stazzjonat il-“Mobile”. Ix-xhud qal ukoll illi fuq il-post kien hemm Renzo Borg, li kien qieghed jaghrfu bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla. L-istess xhud qal li minn din l-ispezzjoni rrizultalhom li kien hemm il-“meter three phase” tal-marka “Crisic” bin-numru 6567746 li kellu “reading” ta’ 246008. Innutaw illi kien hemm tliet sigilli homor tal-“meter” li ma kienux sigilli ta’ l-“Enemalta”, li dawna kienu qishom “imitation” tas-sigilli ta’ l-“Enemalta”, pero` qal li dawn kienu foloz. Gol-“meter” kien jidher trab, fil-“cover” tal-“meter” fuq id-diska u fl-apparat kollu. Kien hemm ukoll brix fuq it-“tally plate” tal-“meter” fejn hemm ir-registru tal-qari fejn kien hemm il-figuri ta’ l-ghaxart elef “unit” ta’ l-elf “unit”. Dawna jimmarkaw il-qari tal-konsum.

L-istess xhud zied jghid illi ghadha kif inqratlu t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li hu ta quddiem il-Perit Tekniku Horace Anastasi li tinsab a fol. 13 u 14 tal-Proces Verbal esebit bhala Dok. CA1 u ikkonferma l-kontenut kollu ta' dina d-deposizzjoni. Ix-xhud zied jghid illi l-persuna l-ohra ta' l-"Enemalta" li kienet mieghu dak in-nhar, u cjoe` Louis Scerri, illum dana miet.

Fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004 xehed ukoll Ian Vella li qal li hu "Officer in Charge Electricity Theft" fil-Korporazzjoni "Enemalta". Ix-xhud esebixxa "breakdown" kif huma bhala korporazzjoni hadmu l-istima, li giet esebita bhala Dok. IV1. Esebixxa wkoll "graph" tal-kontijiet li gie esebit u mmarkat bhala Dok. IV2. Qal illi fl-20 ta' Settembru, 2001, Renzo Borg ghamel depozitu mal-korporazzjoni ta' elf lira (Lm1,000).

L-istess xhud, fuq domanda in kontro-ezami minn Dr. Edward Gatt ghall-imputat Renzo Borg, jekk kemm-il darba dina d-depozitu li ghamel l-imputat Renzo Borg fl-20 ta' Settembru, 2001, u cjoe` id-depozitu ta' elf lira (Lm1,000), dana ghamlux biex ma jinqataghlux id-dawl ta' l-istabiliment "Strawberry Grove", qal illi li ghamlu huma bhala korporazzjoni hi li huma talbu lil Renzo Borg biex jaghmel depozitu ta' elf lira (Lm1,000) fuq "Section 6, paragraph A" ta' l-"Electricity and Supplies Regulations".

Fuq domanda li saritlu mill-avukat difensur illi jekk kemm-il darba ma kienx se jsir id-depozitu kienx jinqata' d-dawl, ix-xhud wiegeb illi m'huwiex il-persuna fil-korporazzjoni li qieghed inkarigat minn dana. L-istess xhud zied jghid: "Li nghid huwa biss illi bhala mezz ta' kontroll, il-Korporazzjoni "Enemalta" ghandha l-fakulta` illi jinqata' d-dawl."

Il-Qorti sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Fl-ewwel lok tikkunsidra l-fatt li, kif diga` intqal aktar qabel f'din is-Sentenza, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004 li l-Prosekuzzjoni qieghda tirtira l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat Joseph Borg.

Fit-tieni lok taghmel referenza ghall-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi kif gej:

“Fil-kaz ta’ ksur ta’ kanni tas-servizz pubbliku ta’ l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta’ fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* taghhom, jew ta’ xi sigill ta’ xi *meter*, jew fil-kaz ta’ l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f’idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b’dan l-uzu jew konsum ta’ ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz.”

Mill-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma li gie stabilit li kien hemm mezzi qarrieqa u tbaghbis fil-meter mertu ta’ din il-kawza. F’dan ir-rigward, a skans ta’ ripetizzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed Mario Cassar “Senior Tradesman” ma’ l-“Enemalta” fis-Seduta tas-16 ta’ Marzu, 2004 aktar qabel riferit f’din is-Sentenza. Inoltre il-Qorti taghmel referenza ghall-Konstatazzjonijiet li ghamel il-Perit Tekniku Horace Anastasi fol. 15 u 16 tal-Proces Verbal (Dok. CA1), fejn, inter alia, l-imsemmi Perit Tekniku iddikjara:

“……………………………………………………………………
…………………………”

“Illi l-imsemmi Arlogg tad-Dawl qieghed maghluq f’Armarju ta’ l-Injam qrib il-Bar.”

“……………………………………………………………………
…………………………”

“Illi t-TLIET (3) SIGILLI ta’ Kulur AHMAR, li qeghdin jissigillaw l-GHATA ta’ l-istess Arlogg tad-dawl instqar li mhux dawk installati mill-Korporazzjoni Enemalta.”

"………………………………………………………………………………………………………"

"Illi fuq gewwa ta' dana l-Arlogg tad-Dawl hawn sinjali ta' TRAB fuq il-MEKKANIZMU tieghu.

Illi hawn sinjali ta' BRIX fuq id-DISKA ta' Taht u fuq it-TALLY PLATE u fuq in-NUMRI "4" u "6" --- tal-kolonna ta' l-10,000 u tal-Kolonna ta' l-1,000 --- tar-REGISTRU tal-Konsum Elettriku."

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghal dak li xehed l-imputat Renzo Borg quddiem il-Perit Tekniku Horace J. Anastasi fis-Seduta tal-15 ta' Settembru, 2001 (Ara fol. 19 u 20 tal-Proces Verbal – Dok. CA1) fejn dan, inter alia, iddikjara li hu s-sid u li jmexxi l-Fond, "Strawberry Grove", Triq il-Mazzola, Qawra, illi dana l-fond ilu ghandu ghal dawn l-ahhar hames (5) snin, illi jaf li hu responsabbli mill-imsemmi Arlogg tad-dawl, izda hu ma baghbasx f'dana l-arlogg u lanqas ra jew gieghel lil xi hadd ibaghbas fih u li xi tliet (3) snin ilu gew ta' l-Enemalta sabiex isewwulhom xi parti minnu.

Il-Qorti hawn tirrileva li skond l-akkuzi kif dedotti l-allegati reati sehhew bejn it-18 ta' Settembru, 1998 u t-22 ta' Mejju, 2001 u li tenut kont dak li xehed l-istess imputat Renzo Borg quddiem il-Perit Tekniku fis-Seduta tal-15 ta' Settembru 2001 u cioe` inkwantu kemm kien ilu ghandu l-fond "Strawberry Grove", Triq il-Mazzola, il-Qawra, jemergi l-fatt li l-allegati reati skond l-akkuzi sehhew fil-perjodu li l-imsemmi fond kien f'idejn l-imputat Renzo Borg.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat Renzo Borg ma rnexxilux jirribatti l-presunzjoni li tohrog mill-artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq citat u li ghalhekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imsemmi imputat Renzo Borg.

Rat fil-konfront tal-imputat Renzo Borg l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Renzo Borg hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-imsemmi imputat, tillibera lill-imsemmi imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Rigward l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Borg, dawn l-akkuzi gew irtirati mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Renzo Borg l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti tapplika l-Art. 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, peress illi l-Qorti rat li l-perit tekniku li gie nominat kien fl-Inkjesta u mhux fil-kawza ghalhekk tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------